11th March 2022

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
14 MAR 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/6852/21* |
| *Lokazzjoni:* | *South Stakes, Triq l-Assedju l-Kbir 1565, Vittoriosa, Birgu* |
| *Proposta:* | *To erect a canopy with retractable roof on public land in front of South Stakes (as per approved enc. GLA 12/2021/0657)* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Antoine Micallef**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2021, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 6852/21.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) il-permess gie michud u d-decizjoni giet ippublikata fis- 16 ta' Frar 2022.

Bid-dovut rispett, l-appellanti jhossuhom aggravati minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottomettu dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti tissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Fl-ewwel lok, jibda sabiex jigi kkjarifikat illi hawn si tratta ta' attivita kummercjali class 4D vestita bil-permessi ta' l-Awtorita.

1.2 Illi huwa car illi l-Awtorita ma qiesitx it-talba b' mod korrett u dan johrog car mill-assessment tal-Case Officer Report.

*1.3* Illi minkejja l-istat ta' konservazzjoni tas-sit, l-istess Policy xorta tista tippermetti tali zvilupp basta jkunn hemm is-salvagwardji necessarji.

1.4 Illi l-Appellanti jehtiegu tali zvilupp minhabba l-operat taghhom, u ghamlu sottomissjonijiet cari illi dak propost ma kien ser jikkawza l-ebda impatt.

1.5 Illi huwa car illi id-decizjoni kella tkun a bazi ta' policies u ragunijiet ta' ippjanar.

1.6 Illi ssir referenza ghall- PA 706/16 (u s-sentenza ta' dan it-Tribunal 143/16) fejn si tratta ta' zvilupp fl-istess binja tal-kaz odjern. Illi f' dan il-kaz canopy kienet diga giet approvata a bazi tal- PA 2777/13, u dak propost mill-appellant odjern ghandu jigi ikkunsidrat ukoll a bazi tal-kunsiderazzjonijiet li saru fil-kaz kwitat li kif diga inghad huwa parti mill-istess binja.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut tar-reconsideration mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti u jordna li

jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Xhieda:

L-appellant, konsulenti, enetitajiet governattivi u regolatorji u terzi persuni sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**